# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 9**
**Ċitazzjoni numru 1691/00 GC**

**Edward Darmanin, Joseph Debono, Charles Borda, Charles Grech u Mark Magro; u, wara l-mewt ta' Charles Borda, il-kawża b'dikriet tat-3 ta' Jannar 2017 tkompliet fl-isem ta' Ian Borda u Ruth Borda minflok l-istess Charles Borda**

***v.***

**Korporazzjoni *Enemalta*,**
**illum *Enemalta p.l.c.***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta minn sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li laqgħet talba tal-atturi għall-ħlas ta' kumpens talli ħatra li setgħet ingħatat lilhom ingħatat, minflok, lil-terzi bi ksur ta' dak li kien igħid il-ftehim kollettiv li kien jirregola l-impjieg tal-atturi mal-konvenuta. Sar ukoll appell

inċidentali mill-atturi minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet it-talbiet tagħhom biex il-proċess ta’ ħatra jsir mill-ġdid, u mil-likwidazzjoni tal-kumpens għax jippretendu kumpens ogħla. Il-fatti relevanti seħħew hekk:

2. Fiż-żmien relevanti l-atturi kienu impjegati mal-Korporazzjoni Ene-malta (illum *Enemalta p.l.c.*). Il-ftehim kollettiv bejn il-konvenuta u l-*General Workers Union* kien igħid illi, meta għandha tingħata ħatra ġdida, għandha ssir sejħa għal applikazzjonijiet mill-ħaddiema u ssir l-għażla minn fost dawk li japplikaw. Il-parti relevanti tal-ftehim tgħid hekk:

> »Article 15 - Promotions and Filling of Vacancies
>
> »1. All vacancies in respect of those grades covered by this Agreement are to be filled from staff already employed by the Corporation provided they possess the necessary qualifications and qualities unless such vacancies are filled otherwise as contemplated in the Enemalta Act 1977. The process of filling of vacancies through internal applications and promotions, as agreed with the Union, is to be concluded within three (3) months of such vacancies being created.
>
> »… … …«

3. Ġara, iżda, illi meta kellha ssir ħatra fil-grad ta’ *Operations Manager (Loss Control – Electricity*) il-konvenuta fis-26 t’Awissu 1998 ħatret terza persuna bla ma mxiet kif kien irid il-ftehim kollettiv. L-atturi jgħidu li b’hekk ġarrbu danni, għax ma ngħatawx huma l-ħatra li bis-saħħa tagħha kien ikollhom paga ogħla u benefiċċji aħjar milli għandhom. Għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi fil-ħatra ta’ *Operations Manager (Loss Control – Electricity)* il-korporazzloni EneMalta aġixxiet b’mod abużiv, illegali u kontra l-ftehim kollettiv hawn fuq riferit u l-proċeduri li jistabilixxi l-istess ftehim kollettiv … u allura tiddikjara nulla u bla effett il-proċedura kollha li saret għall-ħatra ta’ *Operations Manager (Loss Control – Electricity)* u

konsegwentement tiddikjara nulla u bla effett il-ħatra mogħtiia mill-Korporazzjoni EneMalta lil Alfred Debono bħala *Operations Manager (Loss Control – Electricity)*;

»2. tiddikiara illi l-atturi kienu intitolati u eliġibbli biex japplikaw għal dan il-grad, u b'hekk sofrew inġustizzja u konsegwentement danni bl-aġir illegali u abużiv tal-korporazzjoni konvenuta;

»3. tordna lill-Korporazzjoni EneMalta sabiex fi żmien qasir u perentorju li tiffissa din l-onorabbli qorti tieħu dawk il-passi kollha rimedjali sabiex tissewwa l-inġustizzja li saret mal-ħaddiema tagħha hawnhekk atturi, anke billi tordna lill-Korporazzloni EneMalta taderixxi ruħha mal-proċedura kontemplata fil-ftehim kollettiv f'kull sejħa għall-ħatra ta' *operations manager*, u dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-istess qorti;

»4. tiddikjara li l-Korporazzjoni EneMalta hija responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-atturi, konsistenti partikolarment f'telf ta' flus rappreżentanti [*sic*] fid-differenza fir-paga, *bonuses* u *allowances* mill-gradi li jokkupaw għal skala 7 bħal ma hu dak ta' *operations manager*;

»5. tillikwida l-istess danni sofferti mill-atturi, okkorrendo jekk hemm bżonn bil-ħatra ta' periti nominandi;

»6. tikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta sabiex tħallas lill-atturi dik is-somma li tiġi hekk likwidata u dikjarata bħala dovuta lilhom in linea ta' danni.«

4. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»Preliminarjament illi din il-qorti m'hijiex il-qorti kompetenti *ratione materiæ* stante li semmai l-azzjoni tal-atturi kellha tiġi intavolata quddiem it-Tribunal Industruali[1];

»Subordinatament u mingħajr preġuddizzju għas-sueċċepit, illi l-azzjoni attriċi hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejj, stante li bl-ebda mod ma hu minnu li l-eċċipjent mexa b'mod abużiv u illegali fil-konfront tal-atturi jew li aġixxa kontra l-ftehim kollettiv indikat fiċ-ċitazzjoni;

»Fit-tielet lok, u mingħajr preġuddizzju għas-sueċċepit, l-atturi ma għandhom l-ebda interess ġuridiku fil-mertu tal-kawża stante li ma jeżisti l-ebda ksur tal-ftehim kollettiv u l-istess atturi naqsu milli jadixxu [*sic*] mal-proċedura indikata fl-artikolu 46 tal-imsemmi ftehim kollettiv;

»Fir-raba' lok, u mingħajr preġuddizzju għas-sueċċepit, l-atturi ma sofrew ebda danni kif allegat fiċ-ċitazzjoni in eżami.«

5. Is-sentenza li minnha sar l-appell tgħid hekk:

»Il-ħames atturi huma kollha impjegati mal-korporazzjoni konvenuta f'varji karigi, kollha però, fi zmien li nbdew dawn il-proċeduri, 'il fuq minn skala 11 fl-iskala tas-salarji kif indikati fil-ftehim kollettiv relattiv li ġie milqugħ bejn il-Korporazzjoni Enemalta fuq naħa wahda u t-

1 Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda b'sentenza td-9 ta' Jannar 2002.

Taqsima Parastatali tal-*General Workers Union* min-naħa l-oħra. L-iskali kollha li huma l-meritu ta' dawn il-proċeduri jaqgħu fl-ambitu tal-imsemmi ftehim, u *cioè* l-iskala 7, l-iskala 8 u l-iskala 11. Kwindi dak kollu stipulat fl-imsemmi fthim kollettiv hu applikabbli għal din il-kawza.

»Il-korporazzjoni konvenuta kienet innominat impjegat tagħha (ċertu Alfred Debono) għall-kariga ġdida fi ħdan l-istess korporazzjoni *cioè* kariga ta' *Operations Manager (Loss Control – Electricity)* u dana fi skala 7 tas-salarji. L-imsemmi Debono mhux parti f'dawn il-proċeduri stante li ma saret ebda talba biex l-istess Debono jiġi kjamat fil-kawża. Din il-ħatra saret fil-laqgħa tal-bord numru 491 tad-29 ta' Lulju 1998. Qabel din in-nomina Debono kien jokkupa impieg fi skala 11.

»L-atturi jsostnu li din il-ħatra saret b'mod irregolari u li jmur kontra l-imsemmi ftehim kolletiv. Skond huma ma ġietx segwita l-proċedura kif imniżżla fil-ftehim u *cioè* kellhom jinħarġu, internament, applikazzjonijiet u kellu jintgħażel wieħed fost l-applikanti. Skond l-atturi din kienet il-proċedura li ġiet dejjem segwita qabel ma saret il-ħatra in kwestjoni.

»Hawnhekk l-atturi jagħmlu referenza għall-artikolu 15 tal-imsemmi ftehim kollettiv. Dan l-artikolu, li jipprovdi dwar promozzjonijiet u mili ta' postijiet vakanti, jistipula li kull vakanza koperta mill-ftehim kellha timtela' b'sejħa interna. Dettalji tal-post li kellu jimtela kellhom jiġu avżati fuq il-*boards* tal-korporazzjoni flimkien ma sejħa għal applikazzjonijiet, ibbażata fuq it-termini u kondizzjonijiet kif miftiehma minn qabel mill-firmatarji tal-ftehim kollettiv. L-istess artikulu 15 ikompli jipprovdi li fl-għoti tal-promozzjonijiet u fil-mili ta' vakanzi l-korporazzjoni għandha tikkonsidra r-rekwiżiti tal-kariga li tkun trid timtela kif ukoll il-kwalifiki, l-attitudini u s-*seniority* ta dawk l-impjegati li jkunu qed jiġu konsidrati biex jimlew il-kariga vakanti.

»M'hemmx dubju li dawn il-proċeduri ma ġewx segwiti u jiriżulta li l-bord tat-tmexxija tal-korporazzjoni konvenuta ħass il-ħtieġa li jinħoloq post ġdid *cioè Operations Manager (Loss Control – Electricity)*, liema kariga kienet neċessarja li tinħoloq b'urġenza stante li dak iż-żmien kien qed jirriżulta li kien qed isir ħafna serq tal-elettriku u f'liema kariga kien hemm il-ħtieġa li jitpoġġa impjegat li kellu l-fiduċja sħiħa tal-bord tat-tmexxija. Difatti d-direttur ħaddiem li kien membru tal-bord fiż-żmien in kwestjoni, skond iċ-*chairman* tal-bord, kellu esperjenza fix-xogħol relatat ma din il-kariga ġdida u kien ukoll fdat mill-istess bord. L-istess *chairman* tal-bord ikkonferma li l-ħatra saret bil-mod li saret minħabba l-urġenza, minħabba l-esperjenza fix-xogħol relatat u minħabba l-fiduċja li l-bord kellu fil-persuna li kienet ser tinħatar għall-post il-ġdid.

»Jirriżulta li hu minnu dak li qed jiġi allegat mill-atturi u *cioè* li l-bord ma mexiex skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 15 tal-ftehim kollettiv. Fl-opinjoni tal-qorti, però, bord ta' tmexxija jista' f'sitwazzjoni li hi meqjusa bħala urġenti u f'sitwazzjoni li timmerita li jiġi inkarigat f'rwol ġdid xi ħadd ta' fiduċja, l-istess bord jista' jagħżel li ma jsegwix il-proċeduri stabbiliti fl-imsemmi artikolu tal-ftehim kollettiv u jgħaddi direttament biex jaħtar impjegat tal-korporazzjoni għar-rwol sensittiv in kwestjoni. In effett jidher li dawn kienu ċ-ċirkostanzi li fihom ġie magħżul l-imsemmi Alfred Debono. *Inoltre* lanqas ma hu żgur li l-imsemmi artikolu 15 hu applikabbli għall-każ in eżami.

»Barra minn hekk f'sitwazzjoni fejn kien qed jiġi reġistrat telf min-naħa tal-korporazzjoni kien hemm raġuni valida biżżejjed biex tiġi kkreata

posizzjoni ġdida *cioè* dik ta' *Operations Manager (Loss Control – Electricity)* u li f'tali posizzjoni jiġi mqiegħed xi ħadd li għandu l-fiduċja tal-bord. Il-bord deherlu li l-persuna idonea li seta' jimla din il-posizzjoni kien il-ħaddiem direttur li bħala tali kien ukoll jattendi għas-seduti tal-bord. Appuntu għalhekk jista' jingħad li l-bord ta' tmexxija kien jaf tajjeb il-karattru u l-ħiliet ta' Debono.

»Barra minn hekk fil-ftehim kollettiv stess hu rikonoxxut li meta xi ħadd jinhatar f'xi posizzjoni għandhom jiġu kkonsidrati da parti tal-korporazzjoni r-rekwiżiti tal-kariga kif imqabblin mal-kwalifiki u l-attidunijiet tal-kandidat prospettiv. Effettivamet, skond ir-raġunijiet li ta l-bord għad-deċiżjoni tiegħu in kwestjoni, in effett dan hu dak li għamel il-bord meta nnomina lil Debono għall-post in kwestjoni. Kwindi l-ħatra in kwestjoni ma tirriżultax li hi irregolari iżda li setgħet tittieħed fiċ-ċirkostanzi li kienu prevalenti meta l-bord għamel din il-ħatra. *Inoltre* jidher li dan ma kienx każ uniku iżda l-istess proċedura li ġiet segwita fil-każ in eżami ġiet imħaddma ukoll f'każijiet oħra.

»Għalhekk ma jirriżultawx l-elementi kollha neċessarji biex jiġi dikjarat li fil-ħatra in kwestjoni l-korporazzjoni konvenuta aġixxiet b'mod abużiv u illegali u kwindi lanqas ma tista' tiqies li hi nulla l-proċedura li wasslet biex saret il-ħatra in kwestjoni u li l-istess ħatra hi nulla u bla effett.

»Kwantu għat-talbiet l-oħra kollha jiġi rilevat li jirriżulta li l-atturi kollha setgħu japplikaw għal din il-posizzjoni ġdida li nħolqot mill-bord *in vista* taċ-ċirkostanzi prevalenti. Però *in vista* tal-fatt li l-bord ma mexiex skond dak li kien mistenni minnu u skond l-obbligi tiegħu assunti versu l-ħaddiema, jista' jingħad li l-atturi sofrew inġustizzja u kwindi jimmeritaw li jingħataw kumpens. F'dan ir-rigward għandu jitqies li l-atturi Darmanin u Borda kienu jokkupaw grad fl-iskala tas-salarju ogħla mit-tliet atturi l-oħra u l-istess żewġ atturi kienu viċin ħafna tal-grad li ngħata Debono meta ġie maħtur biex jokkupa l-kariga ġdida. Għandhom jiġu ukoll konsidrati t-telf li setgħu sofrew l-atturi minħabba d-differenza fil-paga u *allowances* li tilfu stante li setgħu jiġu promossi għal grad ogħla. Għandu però ukoll jiġi kkonsidrat li mhux l-atturi kollha setgħu ngħataw il-kariga ġdida iżda eventwalment u finalment wieħed minnhom biss kien ser jiġi nominat għall-kariga. *Inoltre* effettivament il-post il-ġdid ma nħoloqx u għalhekk *nonostante* li l-atturi setgħu japplikaw eventwalment il-post ma kienx jingħata lil xi wieħed minnhom. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-uniku mod kif jista' jiġi kalkolat il-kumperns dovut hu *arbitrio boni viri*.

»Għal dawn ir-raġunijiet kollha tillikwida l-kumpens dovut *arbitrio boni viri* lill-atturi Edward Darmanin u Charles Borda fis-somma ta' tmint elef euro (€8,000) kull wieħed u kwantu għall-atturi l-oħra kollha fis-somma ta' sitt elef euro (€6,000) kull wiehed minnhom u *cioè* lill-atturi Joseph Debono, Charles Grech u Mark Magro.

»Għal dawn il-motivi kollha:-

»Tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tal-atturi konformement ma' dak kollu li ġie premess fil-preżenti sentenza u in kwantu għar-rimanenti talbiet tilqa' l-istess talbiet u tiddikjara li l-atturi setgħu applikaw biex jinħatru għall-post il-ġdid li kien ser jiġi kkreat peræ minħabba l-proċedura adottata mill-bord tat-tmexxija ġew preklużi milli japplikaw u b'hekk sofrew inġustizzja u għalhekk jimmeritaw li jiġu kompensati billi jingħataw somma ta' flus lil kull wieħed mill-atturi u tillikwida tali kumpens *arbitrio boni viri* kwantu għall-atturi Edward Darmanin u

> Charles Borda fis-somma ta' tmint elef euro (€8,000) kull wieħed u kwantu għall-atturi l-oħra kollha fis-somma ta' sitt elef euro (€6,000) kull wieħed minnhom, *cioè* lill-atturi Joseph Debono, Charles Grech u Mark Magro. Tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta tħallas l-imsemmi kumpens lil kull wieħed mill-atturi u dan bl-imgħaxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.
>
> »L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-Korporazzjoni konvenuta.«

6. Il-konvenuta appellat b'rikors tat-8 ta' Jannar 2014. L-atturi wieġbu, b'appell inċidentali, fil-31 ta' Jannar 2014 li għalih il-konvenuta wieġbet fl-20 ta' Frar 2014.

7. Fl-ewwel aggravju tal-appell ewlieni l-konvenuta tgħid illi "m'hemmx dubju li l-bord tad-diretturi mexa konformement kemm mas-setgħat mogħtija lilu mil-liġi u fi kwalunkwe każ konformament ma' dak li jipprovdi l-ftehim kollettiv".

8. Tassew, din il-qorti tifhem il-perplessità tal-atturi fit-tweġiba tagħhom ghall-appell tal-konvenuta meta jgħidu illi "mhux ċar x'inhu l-aggravju hawnhekk imressaq". Ir-raġuni għal dan hi illi fil-fatt l-ewwel qorti qablet mal-posizzjoni tal-konvenuta meta ċaħdet l-ewwel u t-tielet talbiet tal-atturi – dawk biex titħassar il-ħatra u biex il-proċess isir mill-ġdid – u qalet illi f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ tallum "il-bord jista' jagħżel li ma jsegwix il-proċeduri stabbiliti fl-imsemmi artikolu tal-ftehim kollettiv u jgħaddi direttament biex jaħtar impjegat tal-korpor-azzjoni għar-rwol sensittiv in kwestjoni" u kompliet tgħid ukoll illi "lanqas ma hu żgur li l-imsemmi artikolu 15 hu applikabbli għall-każ in eżami". Fil-fatt l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tal-atturi jolqot din il-parti tas-sentenza, u l-qorti għalhekk sejra tqis dawn l-aggravji tal-appell ewlieni u ta' dak inċidentali flimkien.

9. Il-qorti tibda billi tgħid illi ma hemmx lok għad-dubju li esprimiet l-ewwel qorti meta qalet illi "lanqas ma hu żgur li l-imsemmi artikolu 15 hu applikabbli għall-każ in eżami". Il-ftehim kollettiv jolqot il-*salary scales* kollha minn 7 sa 20[2] u għalhekk ikopri kemm il-grad li kellhom l-atturi fiż-żmien relevanti u kemm il-grad ġdid li dwaru saret il-kawża.

10. Ma hemmx dubju wkoll illi l-para. 15 tal-ftehim jolqot "*all vacancies in respect of those grades covered by this agreement*".

11. Il-konvenuta, u l-ewwel qorti wkoll, tgħid illi fil-każ tallum setgħet tagħmel ħatra direttament, u mhux bil-proċedura msemmija fil-para. 15 tal-ftehim, minħabba l-urġenza u n-natura sensitiva tal-ħatra, li kienet teħtieġ persuna li jkollha l-fiduċja tal-bord.

12. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk tassew kienx hemm urġenza – meta, kif josservaw l-atturi fit-tweġiba tagħhom, il-persuna li ngħatat il-ħatra xorta baqgħet tagħmel ix-xogħol li kienet tagħmel qabel – il-qorti tosserva illi ukoll jekk tassew kien hemm urġenza ma hemm xejn li jżomm milli l-proċess taħt il-para. 15 isir b'ħeffa. Dak il-paragrafu jgħid illi l-proċess kellu jintemm "*within three months of such vacancy being created*" li jfisser li ma setax idum aktar minn tliet xhur iżda seta' jdum anqas jekk meħtieġ.

13. Dwar il-kwistjoni ta' fiduċja, għalkemm tassew il-persuna li nħatret kellha l-fiduċja tal-bord, dan ma jfissirx illi ma setax kien hemm ħaddieħor li jistħoqqlu fiduċja, u għalhekk l-għażla bejniethom setgħet

---

2 *Appendix C* tal-ftehim.

issir bis-saħħa tal-proċess taħt il-para. 15, fejn min jagħmel l-għażla jqis mhux biss il-fiduċja iżda wkoll "*the merit, qualifications, aptitude experience and seniority of those being considered*".

14. Barra minn hekk, ma hemm xejn fil-para. 15 li jgħid illi jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn il-bord seta' jagħżel li ma jimxix bil-proċedura li jrid dak il-paragrafu.

15. Sa hawnhekk, l-atturi għandhom raġun.

16. Tqum għalhekk il-kwistjoni jekk għandhomx jintlaqgħu l-ewwel u-tielet talbiet tal-atturi biex titħassar il-ħatra ta' Alfred Debono u biex il-proċess isir mill-ġdid.

17. Il-ħatra ta' Alfred Debono ma tistax titħassar għax Alfred Debono ma huwiex parti fil-kawża, u l-qorti ma tistax tibdel il-posizzjoni legali ta' persuna li ma hijiex parti fil-kawża. Għall-istess raġuni l-proċess tal-għażla ma jistax isir mill-ġdid ladarba post battâl kien hemm biss wieħed, u ma tressqtx prova li sallum dak il-post għadu jeżisti jew għadu meħtieġ.

18. Tista' tintlaqa' biss, għalhekk, it-tieni talba biex il-qorti tgħid illi l-atturi "kienu intitolati u eliġibbli biex japplikaw", billi kienu impjegati tal-konvenuta fi grad milqut bil-ftehim kollettiv. Il-fatt iżda li setgħu japplikaw ma jfissirx li kienu sejrin jingħażlu, u ċertament ma jfissirx li kienu sejrin jingħażlu kollha meta post battâl kien hemm biss wieħed. Għalhekk id-danni li jistgħu jippretendu ma huwiex dawk talli ma ngħatawx il-ħatra iżda talli ma tħallewx japplikaw.

19. F'dan is-sens biss għalhekk sejjer jintlaqa' l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali.

20. Dan iwassalna għat-tieni u t-tielet aggravji tal-appell ewlieni tal-konvenuta, u t-tieni u t-tielet aggravji tal-appell inċidentali tal-atturi, li huma dwar id-danni. Fit-tieni aggravju l-konvenuta tgħid illi:

> »… … … anke li kieku hemm provi suffiċjenti sabiex juru li din il-ħatra saret indebitament, ma nġabu ebda provi, għax fil-fatt ma jeżistux, illi l-atturi ġarrbu xi danni minħabba l-allegat aġir irregolari tal-esponent, stante li ma hemm ebda prova illi dawn l-impjegati kienu f'xi mod ser jintgħażlu sabiex jokkupaw dan ir-rwol;
>
> »… … …
>
> »Illi dan jingħad stante li donnu l-atturi ngħataw kumpens mhux għax verament soffrew telf reali iżda sempliċement donnu ngħatalhom kumpens morali stante li ma kellhomx ċans japplikaw għall-posizzjoni li fl-ebda waqt ma ġabu prova li kien jistħoqqilhom jiġu appuntati fiha aktar minn Alfred Debono.
>
> »Bl-akbar rispett lejn l-onorabbli Prim'Awla dan mhuwiex in sintonia mal-posizzjoni li dejjem ħadu l-qrati tagħna in materja ta' azzjonijiet għad-danni u *cioè* li jiġi kumpensat telf reali, li fil-fatt il-ħames atturi ma sofrewx billi sempliċement ma ngħatawx ċans japplikaw għar-rwol in kwistjoni.«

21. Fit-tielet aggravju mbagħad tkompli hekk:

> »… … … li kieku wieħed kellu jaċċetta l-argument li kellu jkun hemm applikazzjoni xorta waħda ħadd minnhom ma jista' jargumertta li ġarrab xi telf ghax l-Enemalta qatt ma kienet marbuta f'ebda mod li tappunta lil xi ħadd u effettivament il-korporazzjoni setgħet ma tappunta lil ħadd u għalhekk ħadd ma jista' jitqies illi ġarrab telf reali stante li ħadd ma kellu xi forma ta' dritt kweżit[3] jew dritt ċert.«

22. It-tielet aggravju huwa ħażin. Tassew li l-konvenuta setgħet ma ħatret lil ħadd, iżda fil-fatt ħatret lil xi ħadd u dan juri li tassew kien hemm post li kellu jimtela'.

3 Bil-malti ngħidu "jedd miksub".

23. Tassew illi, kif ġà ngħad fuq[4], l-atturi ma jistgħux jgħidu illi li kieku l-ħatra saret kif kellha ssir kienu sejrin jinħatru huma, u ċertament ma jistgħux igħidu illi kienu sejrin jinħatru lkoll. Għalhekk, fin-nuqqas ta' prova ta' probabilità – il-prova meħtieġa f'kawża ċivili – li xi wieħed minnhom kien sejjer jingħata l-ħatra, il-atturi ma jistgħux jippretendu – kif jagħmlu fit-tieni aggravju tal-appell inċidentali tagħhom – illi d-danni li ġarrbu huma daqs it-"telf ta' paga".

24. Għal din ir-raġuni ma tistax tintlaqa' t-talba tal-atturi għal "danni reali", u t-tieni aggravju tal-appell inċidentali hu għalhek miċħud.

25. Huwa minnu iżda li l-atturi ġew imċaħħda mill-possibilità li xi wieħed minnhom jingħata l-ħatra. Dan huwa telf li ma għandux jitħalla mingħajr kumpens, ukoll jekk il-kumpens, kif tgħid il-konvenuta fit-tieni aggravju, jista' jkun biss wieħed "morali".

26. Il-konvenuta tgħid iżda illi "l-posizzjoni li dejjem ħadu l-qrati tagħna in materja ta' azzjonijiet għad-danni" hija li jingħata kumpens biss għal "telf reali".

27. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk, ukoll qabel l-emendi mdaħħla bl-Att XIII tal-2018 u, wara, bl-Att XXXII tal-2018, jistgħux jingħataw danni morali f'azzjoni akwiljana, fil-każ tallum l-azzjoni hija dwar dritt *ex contractu* – mill-ftehim kollettiv – u għalhekk ma hemm xejn li jżomm lill-qorti milli tagħti danni morali[5]. Il-fatt jibqa' li l-atturi ġarrbu telf, ukoll jekk biss telf

---

4 Para. 18.

5 Ara Jane Agius *v.* Avukat Ġenerali *et*, (rik. 33/2014) Kost. 14 ta' Diċembru 2015, para. 18.

ta' possibilità, u dan it-telf ma jistax jibqa' bla kumpens ladarba sar bi ksur ta' ftehim li jorbot lill-partijiet.

28. Tifdal il-kwistjoni tal-*quantum*. L-atturi fit-tielet aggravju tal-appell inċidentali jippretendu kumpens ogħla minn dak li illikwidat l-ewwel qorti waqt li l-konvenuta tgħid illi ma għandhom jingħataw kumpens xejn. Ġà rajna illi l-posizzjoni tal-konvenuta ma hijiex tenibbli, iżda lanqas ma hija tenibbli l-posizzjoni tal-atturi li jgħidu illi għall-għanijiet ta' likwidazzjoni ta' kumpens, ukoll jekk biss morali, għandu jittieħed qies "mhux biss tat-telf ta' paga, *allowances* u *bonuses*, imma ukoll telf ta' *seniority* u telf fir-rata ta' pensjoni illi l-atturi ser igawdu jew qed igawdu". Dawk li qegħdin jippretendu l-atturi ma humiex danni morali għal telf ta' possibilità iżda danni reali talli ma ngħatawx il-ħatra, li rajna li ma humiex dovuti.

29. Meta tqis illi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ (ladarba l-kriterji tal-għażla li jrid il-para. 15 tal-ftehim kollettiv ma humiex kriterji esklużivament oġġettivi) il-probabilità li l-ħatra kienet tingħata lil xi wieħed mill-atturi kienet baxxa, ukoll li kieku l-proċess sar kif irid il-para. 15, il-qorti hija tal-fehma illi l-kumpens mogħti lill-atturi mill-ewwel qorti huwa ogħla milli xieraq.

30. Għaldaqstant sejra tħassar il-kumpens likwidat mill-ewwel qorti u tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi Darmanin u Borda fis-somma ta' tlitt elef euro (€3,000) kull wieħed u l-kumpens dovut lill-atturi Debono, Grech u Magro fis-somma ta' elfejn euro (€2,000) kull wieħed.

31. Fadal ir-raba’ aggravju tal-konvenuta li jgħid illi qabel ma fetħu l-kawża l-atturi kellhom jinqdew bil-proċess ta’ medjazzjoni li jrid il-para. 46 tal-ftehim kollettiv. Il-para. 46 igħid illi impjegat li jħossu aggravat b’xi deċiżjoni li tieħu l-konvenuta għandu qabel xejn ifittex rimedju mingħand min ikun immedjatament fuqu fil-ġerarkija tal-konvenuta u, jekk jibqa’ mhux sodisfatt, mingħand il-*head of branch*, imbagħad mingħand il-*manager* u/jew mingħand iċ-*chairman*.

32. Qabel ma fetħu l-kawża fil-11 ta’ Awissu 2000 l-atturi ippreżentaw protest ġudizzjarju kontra l-konvenuta fit-30 ta’Ġunju 2000, iżda l-konvenuta xorta żammet il-posizzjoni tagħha. Dan juri illi l-proċess ta’ konċiljazzjoni li jrid il-para. 46 x’aktarx ma kien sejjer iwassal imkien. Ċertament, f’kull każ, dan l-aggravju jista’ jkollu effett fuq l-ispejjeż iżda ma għandux iwassal biex titħassar jew tiġi sospiża l-azzjoni llum, kważi dsatax-il sena wara li nbdiet.

33. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell ewlieni u minn dak inċidentali billi tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel u t-tielet talbiet;

    ii. tikkonfermaha fejn laqgħet it-tieni talba tal-atturi;

    iii. tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-konvenuta tħallas kumpens lill-atturi iżda tħassarha fejn illikwidat il-kumpens dovut lill-atturi Edward Darmanin u Charles Borda fis-somma ta’ tmint elef euro (€8,000) kull wieħed u dak dovut lill-atturi Joseph Debono, Charles Grech u Mark Magro fis-somma ta’ sitt elef euro (€6,000) kull wieħed;

iv. tipprovdi, minflok, billi tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi Darmanin u Borda fis-somma ta' tlitt elef euro (€3,000) kull wieħed (b'dan li l-kumpens dovut lill-attur Charles Borda jinqasam f'ishma ndaqs bejn il-werrieta tiegħu) u l-kumpens dovut lill-atturi Debono, Grech u Magro fis-somma ta' elfejn euro (€2,000) kull wieħed.

34. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata. Dawk tal-appell jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsuh l-atturi flimkien u t-tliet ishma oħra minn erbgħa (¾) tħallashom il-konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb